MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2015

Numru 1169/2014

**Pulizija**

**Spettur Rennie Stivala**

**Spettur Robert Said Sarreo**

**Vs**

**Giuseppe Cassar**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Giuseppe Cassar bin George u Catherine nee' Borg, mwieled Zejtun fis-17 ta' Settembru 1959, residenti 8, Kons Garage, Triq Abdosir, M'Xlokk u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-numru 646859M;

Talli f'dawn il-Gzejjer, bejn l-1 ta' Jannar 2014 u l-21 ta' Jannar 2014 b'diversi atti maghmula minnu li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda ;

1) Wettaq frodi b'ghemil qarrieqi billi b'mezzi kontra l-ligi jwe billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intrapizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jwe ta' krediti immaginarji jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, biex jaghmel qliegh ghalih jew ghal persuni ohra, ta' aktar minn €500 izda mhux aktar minn €5,000 ghd-dannu ta' Joseph Azzopardi, Susanne Fenech u/jew HSBC Malta;
2) Aktar talli f'dawn il-gzejjer, fl-istess dati msemmija hawn fuq bi hsara ghal haddiehor ghamel xi qliegh iehor b'qerq ghad-dannu ta' Joseph Azzopardi, Susanne Fenech u/jew HSBC Malta;
3) Aktar talli fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi xjentement ghamel uzu mill-istess atti, skritturi jew kitba falza, billi ghadda dawn ic-cekkijiet lil haddiehor biex jissarfu jew inkella sarraf l-istess cekkijiet bi qliegh ghalih jew ghal haddiehor;
4) Aktar talli f'Malta xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f' Malta jew barra minn Malta u cioe cekkijiet ta' Susanne Fenech;
5) Aktar talli ikkommetta reat waqt li kien taht ordni ta' probation, liema sentenza inghatat mill-Qorti tal-Magistrati preseduta mill-Magistrat

Dr Saviour Demicoli LLD, nhar il-25 ta' Jannar 2011 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula;

6) Aktar talli kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta provizorja impost mill-Qorti tal-Magistrati preseduta mill-Magistrat Dr Miriam Hayman LL.D hekk kif moghti fil-25 ta' Gunju 2013 u sussegwentament mill-istess Qorti emendat fil-25 ta' Lulju 2013 f'dan li ma jikkomettix delitt iehor ta' natura volontarja waqt li jkun mehlus mill-arrest, fost kundizzjonijiet ohra kif ordnat li jaghmel mill-istess Qorti bi ksur tal-Artikolu 579(2) tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Qorti hija mitluba li f'kaz ta' htija tirrevoka l-helsien mill-arrest tal-imsemmi Giuseppe Cassar u tornda l-arest mill-gdid tal-imsemmi imputat kif ukoll tordna li s-somma ta' €2,500 bhala depositu u €10,000 bhala garanzija personali jghaddu favur il-Gvern ta' Malta kif stipulate fl-Artikolu 579 (2)(3) tal-Kap 9;

7) Finalment nakkuzaw lil Giuseppe Cassar talli huwa rrenda ruhu recidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali b'diversi sentenzi liema sentenzi saru definittivai u ma jistghux jigu mibdula;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-atti tal-kumpilazzjoni fi stadju ta' gbir ta' provi tal-Prosekuzzjoni, liema ammissjoni giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew l-istess ammissjoni

tieghu, u wara li l-Qorti wissietu solennement dwar il-konsegwenzi li dik l-istess ammissjoni setghet iggib maghha;

Rat illi, ai termini tal-Artikolu 392A kif emendat, bl-ammissjoni tal-imputat din il-Qorti giet hekk ikkonvertita minn wahda Istruttorja ghal wahda ta' Gudikatura Kriminali, u ghalhekk il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat;**

Illi bl-ammissjoni tal-imputat, din il-Qorti m'ghandhiex triq ohra hlief li ssibu hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, u tghaddi ghas-sentenza. Illi fuq il-mertu tal-kawza ftit hemm x'izzid. L-imputat kien irrilaxxa stqarrija fejn kien ammetta l-involviment tieghu fit-twettiq ta' dan ir-reat, li kien iffirma cekkijiet ta' terzi u sarrafhom u ha l-flus taghhom minn ghand certu Joseph Azzopardi. L-ammont li Cassar ha fi flus kien ta' madwar €2,430.00. Kopji tac-cekkijiet in kwistjoni gew esebiti fl-atti, flimkien ma' diversi dokumenti ohra. Minkejja li l-Qorti ma kienetx lahqet semghet il-provi kollha, kien hemm bizzejjed provi fil-konfront tal-imputat biex ikollha l-konvinciment morali li kien hati. Bl-ammissjoni tieghu, dan ma kienx aktar necessarju. Kwantu ghall-piena, il-Qorti hi tal-fehma li din il-kawza timmerita prigunerija effettiva, tenut kont tal-fedina penali tal-imputat, kif ukoll tal-addebitu tar-recidiva.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 308, 309, 310(1)(a), 183, 186, 334, 579, 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Kif ukoll l-Artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Fuq ammissjoni din il-Qorti ssib lill-imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah ghall-piena ta’ tlitt (3) snin prigunerija.

Tordna lill-imputat ihallas is-somma ta’ elfejn, erba’ mija u tletin ewro (€2,430) lil Joseph Azzopardi ai terminu tal-Art 24 tal-Kap 446 u l-Art 532 A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------